KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fis-16 ta’ Novembru 2023[1]

**Kawżi magħquda C-184/22 u C-185/22**

**IK (C-184/22),**
**CM (C-185/22)**
**vs**
**KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation e.V.**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Artikolu 157 TFUE – Direttiva 2006/54/KE – Ugwaljanza tal-opportunitajiet u ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 – Projbizzjoni ta’ kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess – Diskriminazzjoni indiretta – Ftehim kollettiv li jipprevedi ħlas addizzjonali għas-sahra maħduma lil hinn mill-ħin tax-xogħol tax-xahar kalendarju ta’ impjegat full-time – Differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema full-time u l-ħaddiema part-time – Dispożizzjoni li tpoġġi fi żvantaġġ partikolari lill-persuni ta’ sess meta mqabbla ma’ persuni tas-sess l-ieħor – Diskriminazzjoni indiretta stabbilita fuq il-bażi ta’ data statistika – Modalitajiet għat-teħid inkunsiderazzjoni tad-data”

## I. Introduzzjoni

1. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), jirrigwardaw b’mod partikolari l-interpretazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 2(1)(b) u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE[2].

2. Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta’ tilwim bejn IK (Kawża C-184/22) u CM (Kawża C-185/22)[3], żewġ carers impjegati part-time (iktar ’il quddiem ir-“rikorrenti”) u l-assoċjazzjoni li timpjegahom, KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation e.V. (iktar ’il quddiem il-“konvenuta”), fir-rigward tad-dritt tagħhom għal ħlas addizzjonali għas-sahra maħduma lil hinn mill-ħin tax-xogħol miftiehem fil-kuntratti ta’ xogħol tagħhom.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ opportunitajiet indaqs u ta’ trattament ugwali ta’ l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

[3] Permezz ta’ deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta’ April 2022, dawn iż-żewġ kawżi ġew magħquda għall-iskopijiet tal-fażijiet bil-miktub u orali tal-proċedura kif ukoll tas-sentenza.

3. Skont it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser jiffokaw fuq l-analiżi tal-punt (a) tat-tieni domanda preliminari fiż-żewġ kawżi, li huma fformulati f'termini identiċi. Dawn jirrigwardaw l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta, fis-sens tad-Direttiva 2006/54, u, b'mod iktar partikolari, fuq il-modi ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-data statistika sabiex jiġi stabbilit jekk dispożizzjoni tiżvantaġġax b'mod partikolari lil persuni ta' sess meta mqabbla mal-persuni tas-sess l-ieħor.

4. Dawn il-kawżi joffru lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni li tippreċiża iktar il-metodoloġija xierqa, jiġifieri jekk teħtieġx li tiġi eżaminata biss id-data statistika li tikkonċerna l-grupp tal-persuni żvantaġġati bil-miżura nazzjonali inkwistjoni jew jekk jeħtieġx li wieħed jirreferi wkoll għad-data li tirrigwarda l-grupp ta' persuni li ma humiex suġġetti għal din il-miżura.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

5. Skont il-premessa 30 tad-Direttiva 2006/54:

"L-adozzjoni ta' regoli fuq id-dmir tal-prova jilgħab irwol sinifikanti sabiex jassigura li l-prinċipju ta' trattament ugwali jista' jkun effettivament infurzat. Bħalma ddeċidiet il-Qorti tal-Gustizzja, għalhekk għandhom jittieħdu dispozizzjonijiet li jiżguraw li d-dmir tal-prova jmur fuq il-konvenut fejn ikun hemm każ *prima facie* ta'diskriminazzjoni, barra meta jkun hemm proċeduri fejn huwa għall-qorti jew organi nazzjonali oħra kompetenti sabiex jinvestigaw il-fatti. Huwa għalhekk neċessarju li tiċċara li l-apprezzament tal-fatti minn fejn jista jkun maħsub li kien hemm diskriminazzjoini diretta jew indiretta tibqa materja għall-organu nazzjonali relevanti bi qbil mal-prattika u l-liġi nazzjonali. Il-quddiem huwa għall-Istati Membri li jintroduċu, skond proċeduri xierqa, regoli ta' evidenza li huma aktar favorevoli għall-atturi."

6. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Għan", jipprovdi li:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma':

[...]

b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga;

[...]

Hi fiha wkoll dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li din l-implimentazzjoni tkun aktar effettiva permezz ta' l-istabbiliment ta' proċeduri xierqa."

7. L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi, fil-paragrafu 1(a) u (b) tiegħu:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'diskriminazzjoni diretta': fejn persuna waħda tiġi trattata minħabba s-sess b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi trattata, ġiet trattata jew kieku tiġi trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli;

(b) 'diskriminazzjoni indiretta': fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li mad-dehra jkunu newtrali jkunu jpoġġu lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, ħlief jekk dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika tkun oġġettivament ġustifikata b'għan leġittimu, u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan huma xierqa u meħtieġa."

8. L-Artikolu 4 tal-istess direttiva, intitolat "Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni", jipprovdi li:

"Għandha tiġi eliminata d-diskriminazzjoni diretta u indiretta fuq il-bażi ta'sess fir-rigward ta' l-aspetti u l-kondizzjonijiet kollha ta' rimunerazzjoni għall-istess xogħol jew għal xogħol li jitqies li għandu valur ugwali.

B'mod partikolari, fejn tintuża sistema ta' klassifikazzjoni ta' l-impjiegi biex tiġi determinata l-paga, din għandha tiġi bbażata fuq l-istess kriterji kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa u għalhekk għandha tkun imfassla b'mod tali li teskludi kwalunkwe diskriminazzjoni minħabba s-sess."

9. L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/54, intitolat "Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni", huwa fformulat kif ġej, fil-paragrafu 1(ċ) tiegħu:

"M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fis-settur pubbliku jew f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, b'relazzjoni għal:

[...]

(ċ) Impjieg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, inlużi sensji, kif ukoll paga kif previst fl-Artikolu 141 tat-Trattat."

## *B. Id-dritt Ġermaniż*

### *1. Il-Liġi dwar ix-Xogħol Part-Time u l-Kuntratti għal Żmien Determinat*

10. L-Artikolu 4 tal-Gesetz über Teilzeitarbeit und befristete Arbeitsverträge (Teilzeit- und Befristungsgesetz) (il-Liġi dwar ix-Xogħol Part-Time u l-Kuntratti għal Żmien Determinat), tal-21 ta' Diċembru 2000[4], fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawżi prinċipali, intitolat "Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Ħaddiem part-time ma għandux, minħabba l-fatt li jaħdem part-time, jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem full-time paragunabbli, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw differenza fit-trattament. Il-ħaddiem part-time għandu jingħata remunerazzjoni jew ħlas ieħor diviżibbli li l-ammont tiegħu għandu tal-inqas jikkorrispondi mal-proporzjon tas-sigħat ta' xogħol tiegħu meta mqabbla ma' dawk ta' ħaddiem full-time paragunabbli."

### *2. L-AGG*

11. L-Artikolu 1 tal-Allgemeines Gleichbehandlungsgesetz (il-Liġi Ġenerali dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament), tal-14 ta' Awwissu 2006[5], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawżi prinċipali (iktar 'il quddiem l-"AGG"), intitolat "Għan tal-liġi", jipprovdi li:

"Din il-liġi għandha bħala għan li tipprekludi jew telimina kull żvantaġġ ibbażat fuq ir-razza jew l-oriġini etnika, is-sess, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-identità sesswali."

12. L-Artikolu 7 ta' din il-liġi, intitolat "Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-ħaddiema impjegati ma għandhomx ikunu suġġetti għal ebda diskriminazzjoni għal xi wieħed mill-motivi msemmija fl-Artikolu 1; din il-projbizzjoni tapplika wkoll meta l-awtur tad-diskriminazzjoni sempliċement jippreżumi l-eżistenza ta' wieħed mill-motivi msemmija fl-Artikolu 1 fil-kuntest tal-fatt diskriminatorju."

13. L-Artikolu 15 tal-imsemmija liġi, intitolat "Kumpens għad-danni" huwa fformulat kif ġej, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Fil-każ ta' ksur tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, il-persuna li timpjega hija obbligata tħallas kumpens għad-danni. Din ir-regola ma tapplikax jekk il-persuna li timpjega ma tkunx responsabbli għall-ksur ta' dan l-obbligu.

2. Għal dannu li ma huwiex dannu patrimonjali, il-ħaddiem jista' jitlob kumpens pekunjarju xieraq. […]"

[4] BGBl. 2000 I, p. 1966.

[5] BGBl. 2006 I, p. 1897.

*3. Il-iġi fuq il-Promozzjoni tat-Trasparenza Salarjali bejn in-Nisa u l-Irġiel*

14. L-Artikolu 3 tal-Gesetz zur Förderung der Entgelttransparenz zwischen Frauen und Männern (Entgelttransparenzgesetz) (il-Liġi dwar il-Promozzjoni tat-Trasparenza Salarjali bejn in-Nisa u l-Irġiel), tat-30 ta' Ġunju 2017[6], intitolat "Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni salarjali diretta u indiretta bbażata fuq is-sess", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Għal xogħol ugwali jew ta' valur ugwali, kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq is-sess fir-rigward tal-elementi kollha ta' remunerazzjoni jew tal-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni hija pprojbita."

15. L-Artikolu 7 ta' din il-liġi, intitolat "Obbligu ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet", jipprovdi li:

"Fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol, għal xogħol ugwali jew ta' valur ugwali, ma tistax tiġi miftiehma jew imħallsa remunerazzjoni iktar baxxa minn dik ta' ħaddiem jew ħaddiema tas-sess oppost minħabba s-sess tal-ħaddiem jew tal-ħaddiema."

*4. Il-MTV*

16. Il-Manteltarifvertrag (il-Ftehim Kollettiv Ġenerali, iktar 'il quddiem, il-"MTV"), konkluż bejn is-sindakat ver.di u l-konvenuta fit-8 ta' Marzu 2017, huwa fformulat kif ġej, fl-Artikolu 10 tiegħu, intitolat "Ħin tax-xogħol":

"1. Is-sigħat normali ta' xogħol fil-ġimgħa ta' impjegat full-time, esklużi l-pawżi, huma ta' medja ta' 38.5 sigħat.

[...]

Is-sigħat normali tax-xogħol ta' kuljum ta' impjegat full-time huwa ta' 7 sigħat u 42 minuta.

[...]

6. Jekk il-volum ta' xogħol jeħtieġ is-sahra, din għandha, fil-prinċipju, tkun imposta. [...] Is-sahra għandha tkun limitata għall-każijiet urġenti u għandha titqassam b'mod ekwu kemm jista' jkun possibbli bejn l-impjegati kollha.

7. Is-sahra hija sigħat ta' xogħol imposti, li jmorru lil hinn mill-ħin normali ta' xogħol skont l-Artikoli 1 u 3 tat-Taqsima 1, skont ir-roster jew l-użanza fl-impriża. Is-sahra magħmula lil hinn mis-sigħat ta' xogħol tax-xahar kalendarju ta' impjegat full-time u li ma tistax tiġi kkumpensata bl-għoti ta' leave matul ix-xahar kalendarju ta' xogħol inkwistjoni hija suġġetta għal ħlas addizzjonali skont l-Artikolu 13(1). [...]"

[6] BGBl. 2017 I, p. 2152.

17. L-Artikolu 13 tal-MTV, intitolat "Remunerazzjoni tas-sahra, ħlasijiet addizzjonali u kumpensi għal servizz f'ħinijiet inkonvenjenti", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-kumpens għas-sahra skont il-punt 7 tal-Artikolu 10 tal-MTV jitla' għal 1/167 tal-paga tariffarja fix-xahar għal kull siegħa supplimentari. Il-ħlas addizzjonali għas-sahra skont il-klawżola 2, punt 7 tal-Artikolu 10 hija ta' 30 %".

## III. Il-kawżi prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Il-konvenuta hija fornitur ta' kura outpatient ta' dijaliżi, li topera fit-territorju Ġermaniż kollu f'siti differenti, li timpjega tobba u persunal mhux mediku. Il-MTV japplika f'dawn is-siti kollha, b'mod partikolari għall-kuntratti ta' xogħol tar-rikorrenti, impjegati bħala carers part-time b'ħin ta' xogħol għal IK (Kawża C-184/22) li jirrappreżenta 40 % tal-ħin normali tax-xogħol ta' kull ġimgħa ta' impjegat full-time u għal CM (Kawża C-185/22) 80 % minn tali ħin ta' xogħol.

19. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-konvenuta, fuq in-numru totali tal-impjegati tagħha, li jammonta għal iktar minn 5000 persuna, 76.96 % huma nisa u 52.78 % tal-impjegati kollha huma part-timers. Għal dak li jirrigwarda dawn il-persuni li jaħdmu part-time, 84.74 % huma nisa u 15.26 % huma rġiel filwaqt li, fost il-ħaddiema full-time, 68.20 % huma nisa u 31.80 % huma rġiel.

20. Il-konvenuta għandha kontijiet għat-tfaddil tal-ħin, b'mod partikolari għar-rikorrenti. Dawn tal-aħħar kienu juru, fi tmiem ix-xahar ta' Marzu 2018, kreditu ta' 129 siegħa u 24 minuta għal IK u, fi tmiem ix-xahar ta' Frar 2018, kreditu ta' 49 siegħa għal CM, li jikkorrispondu għas-sigħat maħduma lil hinn mill-ħin ta' xogħol imsemmi fil-kuntratt ta' xogħol tar-rikorrenti. Il-konvenuta ma tathomx ħlas addizzjonali għas-sahra skont it-tieni sentenza tal-punt 7 tal-Artikolu 10 tal-MTV (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni") u ma rreġistratx kreditu li jikkorrispondi għall-ħlas addizzjonali fil-kontijiet tagħhom għat-tfaddil tal-ħin.

21. Ir-rikorrenti ppreżentaw rikors ġudizzjarju sabiex jiksbu, b'mod partikolari, kreditu ta' ħin li jikkorrispondi għall-ħlas addizzjonali għas-sahra kif ukoll il-ħlas ta' kumpens skont l-Artikolu 15(2) tal-AGG. F'dan ir-rigward, huma sostnew li, bil-fatt li ma tathomx ħlas addizzjonali għas-sahra u bil-fatt li ma rreġistratx kreditu ta' ħin li jikkorrispondi għal din iż-żieda fil-kontijiet għat-tfaddil tal-ħin, il-konvenuta ddiskriminat illegalment kontrihom bħala impjegati part-time meta mqabbla mal-impjegati full-time. Barra minn hekk, huma allegatament kienu ġew indirettament iddiskriminati minħabba s-sess tagħhom peress li l-konvenuta timpjega iktar nisa fuq bażi part-time. Il-konvenuta, min-naħa tagħha, sostniet li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tinvolvi ebda diskriminazzjoni illegali minħabba l-kwalità ta' impjegat part-time u lanqas tali diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

22. Il-Landesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Superjuri, il-Ġermanja) ikkunsidrat li r-rikorrenti kienu ġew iddiskriminati minħabba l-impjieg part-time tagħhom u kkundannat lill-konvenuta tirreġistra fil-kontijiet għat-tfaddil tal-ħin tagħhom kreditu li jikkorrispondi għall-ħlas addizzjonali għas-sahra. Min-naħa l-oħra, din il-qorti ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti inkwantu kien intiż li jikseb il-ħlas ta' kumpens skont l-Artikolu 15(2) tal-AGG. Dawn tal-aħħar ippreżentaw appell għal *reviżjoni* quddiem il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju, sabiex jiksbu l-ħlas ta' kumpens. Il-konvenuta ppreżentat appell inċidentali għal *reviżjoni* kontra l-kundanna tagħha biex timputa l-ħlas addizzjonali fil-kontijiet għat-tfaddil tal-ħin tar-rikorrenti.

23. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u dik ibbażata fuq l-impjieg part-time hija deċiżiva għas-soluzzjoni tal-kawżi prinċipali. Għal dak li jirrigwarda l-punt (a) tat-tieni domanda preliminari, f'dawn il-kawżi, din il-qorti tindika li hija tibda mill-prinċipju li jgħid li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 2(1)(b) u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54, ir-risposta għad-domanda dwar jekk inugwaljanza fit-trattament taffettwax sostanzjalment iktar lin-nisa milli lill-irġiel tiddependi miċ-ċirku ta' persuni li għalihom tapplika l-leġiżlazzjoni inkwistjoni[7], u li jeħtieġ f'dan ir-rigward li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ħaddiema kollha suġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li hija s-sors tad-differenza fit-trattament[8]. Għal dak li jikkonċerna lil dawn il-ħaddiema, jeħtieġ li jiġu pparagunati kemm fost il-ħaddiema rġiel kif ukoll fost il-ħaddiema nisa, għaldaqstant f'kull grupp, il-proporzjonijiet rispettivi tal-ħaddiema li huma u li ma humiex affettwati mir-regola inkwistjoni[9].

24. Skont il-qorti tar-rinviju, il-MTV japplika għas-siti kollha tal-konvenuta u, skont l-Artikolu 1 tiegħu, għall-ħaddiema rġiel u nisa kollha impjegati minnha. Il-punt 1 tal-Artikolu 2 tal-MTV jeskludi biss mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu lill-"ħaddiema li l-paga tagħhom taqbeż l-aħħar skala tal-ogħla grupp tariffarju, […] il-persunal maniġerjali u lit-tobba". Il-punt 2 tal-Artikolu 2 tal-MTV jistipula, barra minn hekk, li l-persuni li jkunu qegħdin jitħarrġu huma suġġetti għal ftehimiet kollettivi oħra jekk ikunu jeżistu tali ftehimiet. F'każ fejn, skont ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-punt (a) tat-tieni domanda preliminari, fiż-żewġ kawżi, is-soluzzjoni tal-kawżi prinċipali teħtieġ li jiġi kkonstatat jekk, u jekk ikun il-każ kif, l-eċċezzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-MTV jipproduċu effetti fuq il-proporzjonijiet ta' rġiel u ta' nisa fost il-ħaddiema impjegati full-time u part-time mill-konvenuta, ikun l-obbligu tal-Landesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Superjuri) li tipproċedi bil-konstatazzjonijiet sostantivi neċessarji.

25. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, f'dan il-każ, sabiex tivverifika jekk l-inugwaljanza fit-trattament jaffettwax sostanzjalment iktar lin-nisa milli lill-irġiel, jeħtieġ li tiġi pparagunata, fost il-ħaddiema rġiel u nisa impjegati mill-konvenuta, il-proporzjon rispettiva tal-persuni li huma affettwati b'mod negattiv mid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni. Fil-kawżi prinċipali, il-perċentwali ċertament kienu għadhom ma humiex ikkonstatati b'mod definittiv. Jidher madankollu li l-grupp tan-nisa huwa rrappreżentat b'mod qawwi kemm fost l-impjegati part-time kif ukoll fost l-impjegati full-time. Fl-istess ħin, il-grupp tal-irġiel, anki jekk f'minoranza sinjifikattiva, huwa rrappreżentat b'mod iktar qawwi fi ħdan l-impjegati full-time milli fost il-ħaddiema part-time.

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, f'tali każ, sabiex jiġi kkonstatat li l-inugwaljanza fit-trattament taffettwa sostanzjalment iktar nisa milli rġiel huwa biżżejjed li jkun hemm fost l-impjegati part-time sostanzjalment iktar nisa milli rġiel, jew jekk għandux jiżdied il-fatt li fost l-impjegati full-time jkun hemm sostanzjalment iktar irġiel jew li l-proporzjon tal-irġiel ikun ikbar b'mod sinjfikattiv.

27. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li din l-aħħar sitwazzjoni ma tippreżentax ruħha fil-kawżi prinċipali peress li, fost il-ħaddiema full-time, 68.20 % huma nisa u 31.80 % biss huma rġiel. In-nisa huma sostanzjalment iktar irrappreżentati fi ħdan il-konvenuta kemm fil-grupp tal-impjegati part-time kif ukoll fil-grupp tal-impjegati full-time. L-istess qorti ma hijiex

[7] Il-qorti tar-rinviju ssemmi f'dan ir-rigward is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, Allonby (C-256/01, EU:C:2004:18, punti 73 *et seq.*).

[8] Il-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment għas-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2007, Voß (C-300/06, EU:C:2007:757, punt 40), kif ukoll tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan (C-274/18, EU:C:2019:828, punti 47 u 52).

[9] Il-qorti tar-rinviju tiċċita s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan (C-274/18, EU:C:2019:828, punti 47 u 52).

f'pożizzjoni tiddeċiedi biċ-ċertezza meħtieġa kif, f'tali kuntest, jeħtieġ li jiġi kkonstatat jekk l-inugwaljanza fit-trattament taffettwax sostanzjalment iktar lin-nisa milli lill-irġiel, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni.

28. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-[Direttiva 2006/54] għandhom jiġu interpretati fis-sens li ftehim kollettiv nazzjonali li jipprovdi li l-ħlas addizzjonali għas-sahra huwa previst biss għas-sigħat ta' xogħol li jkunu twettqu lil hinn mill-ħin normali tax-xogħol ta' ħaddiem impjegat full-time jinkludi inugwaljanza fit-trattament tal-impjegati full-time u tal-impjegati part-time?

2) Fil-każ li għall-ewwel domanda l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv:

a) L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'tali każ, ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li d-differenza fit-trattament taffettwa sostanzjalment iktar nisa milli rġiel li jkun hemm fost l-impjegati part-time sostanzjalment iktar nisa milli rġiel, iżda ma' dan għandu jiżdied il-fatt li jkun hemm fost l-impjegati full-time sostanzjalment iktar irġiel jew li l-proporzjon tal-irġiel ikun ikbar b'mod sinjfikattiv?

b) Jew tirriżulta wkoll konklużjoni oħra għall-Artikolu 157 TFUE u d-Direttiva 2006/54/KE mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 25 sa 36 tas-sentenza tagħha Szpital Kliniczny im. dra J. Babińskiego Samodzielny Publiczny Zaktad Opieki Zdrowotnej w Krakowie [C-16/19, EU:C:2021:64], li skonthom differenza fit-trattament fi ħdan grupp ta' persuni b'diżabbiltà tista' taqa' taħt il-kunċett ta' 'diskriminazzjoni', previst fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol [[10]]?

3) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fl-affermattiv u għall-punti (a) u (b) tat-tieni domanda fis-sens li f'każ bħal dak tal-kawża prinċipali jista' jiġi kkonstatat li d-differenza fit-trattament fir-rigward tar-remunerazzjoni tolqot sostanzjalment iktar lin-nisa milli l-irġiel: L-Artikolu 157 TFUE u kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) ul-ewwel sentenza tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jista' jikkostitwixxi għan leġittimu l-fatt li l-partijiet għal ftehim kollettiv ifittxu b'dispożizzjoni regolatorja – bħal dik imsemmija fl-ewwel domanda – minn naħa, l-għan li jipprekludu lill-persuna li timpjega milli timponi sahra u milli tikkumpensa bi ħlas addizzjonali għas-sahra l-użu tal-ħaddiema lil hinn mill-perijodi miftiehma, iżda, min-naħa l-oħra, ukoll l-għan li jipprekludu trattament inqas favorevoli tal-impjegati full-time b'paragun mal-impjegati part-time u li jipprevedu konsegwentement li l-ħlasijiet addizzjonali jkunu dovuti biss għas-sahra lil hinn mill-ħin tax-xogħol ta' xahar kalendarju ta' impjegat full-time?

4) Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas dwar xogħol part-time li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC [[11]] għandu jiġi interpretat fis-sens li ftehim kollettiv nazzjonali li jipprovdi li l-ħlas addizzjonali għas-sahra

[10] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

[11] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267.

huwa previst biss għas-sigħat tax-xogħol mogħtija lil hinn mill-ħin normali tax-xogħol ta' ħaddiem full-time jinkludi inugwaljanza fit-trattament tal-impjegati full-time u tal-impjegati part-time?

5) Fil-każ li għar-raba' domanda l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv: Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-ftehim qafas dwar xogħol part-time li jinsab fl-Anness tad-Direttiva 97/81/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jikkostitwixxi għan leġittimu l-fatt li l-partijiet għal ftehim kollettiv ifittxu b'dispożizzjoni regolatorja – bħal dik imsemmija fir-raba' domanda – minn naħa, l-għan li jipprekludu lill-persuna li timpjega milli timponi sahra u milli tikkumpensa bi ħlas addizzjonali għas-sahra l-użu tal-ħaddiema lil hinn mill-perijodi miftiehma, iżda, min-naħa l-oħra, ukoll l-għan li jipprekludu trattament inqas favorevoli tal-impjegati full-time b'paragun mal-impjegati part-time u li jipprevedu konsegwentement li l-ħlasijiet addizzjonali jkunu dovuti biss għas-sahra lil hinn mill-ħin tax-xogħol ta' xahar kalendarju ta' impjegat full-time?"

29. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja mir-rikorrenti, mill-konvenuta, mill-Gvern Daniż, Pollakk u Norveġiż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

## IV. Analiżi

30. Permezz tal-punt (a) tat-tieni domanda preliminari tagħha, fil-Kawżi C-184/22 u C-185/22, li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja talbet li jiġu ffokati dawn il-konklużjonijiet, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta, biex tikkonstata li dispożizzjoni nazzjonali apparentement newtrali tpoġġi "lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor", huwiex suffiċjenti li jkun hemm proporzjon ikbar b'mod sinjfikattiv ta' persuni ta' sess partikolari fil-grupp tal-ħaddiema mpoġġija fi żvantaġġ minn din id-dispożizzjoni jew jekk huwiex meħtieġ ukoll li l-grupp tal-ħaddiema li ma huwiex suġġett għall-imsemmija dispożizzjoni jkun jinkludi proporzjon ikbar b'mod sinjifikattiv ta' persuni tas-sess l-ieħor.

31. Skont l-Artikolu 157(1) TFUE, "[k]ull Stat Membru għandu jassigura li l-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, għandu jkun applikat". Barra minn hekk, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54 jipprovdi li "[g]ħandha tiġi eliminata d-diskriminazzjoni diretta u indiretta fuq il-bażi ta'sess fir-rigward ta' l-aspetti u l-kondizzjonijiet kollha ta' rimunerazzjoni għall-istess xogħol jew għal xogħol li jitqies li għandu valur ugwali". Skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' din id-direttiva, il-kunċett ta' "diskriminazzjoni indiretta" huwa ddefinit bħala s-sitwazzjoni "fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li mad-dehra jkunu newtrali jkunu jpoġġu lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, ħlief jekk dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika tkun oġġettivament ġustifikata b'għan leġittimu, u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan huma xierqa u meħtieġa".

32. Minn din id-definizzjoni jirriżulta li "diskriminazzjoni indiretta", fis-sens tal-Direttiva 2006/54, tiġi stabbilita meta jkunu ssodisfatti tliet elementi, li għalihom l-intenzjonijiet tal-awtur tal-miżura nazzjonali inkwistjoni ma jidħlux fix-xena. Fl-ewwel lok, ikun hemm miżura li mad-dehra tkun newtrali inkwantu hija ma tagħmilx distinzjoni formali bejn il-kategoriji ta' persuni għall-istess xogħol jew għal xogħol li jingħata valur ugwali. It-tieni, din

il-miżura tinvolvi żvantaġġ partikolari għall-persuni ta' sess meta mqabbla mal-persuni tas-sess l-ieħor. It-tielet, tali żvantaġġ partikolari ma jkunx iġġustifikat minn fatturi oġġettivi u barranin għal kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess [12].

33. F'dan il-każ, l-ewwel nett, għal dak li jirrigwarda l-element dwar in-newtralità apparenti tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni, dan ma jqajjimx xi diffikultà partikolari. Fil-fatt, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li din id-dispożizzjoni tal-ftehim kollettiv ikkonċernat [13], li abbażi tagħha s-sahra maħduma lil hinn mill-ħinijiet tax-xogħol tax-xahar kalendarju ta' impjegat full-time hija suġġetta għal ħlas addizzjonali, tapplika għas-siti kollha tal-konvenuta u, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, għall-persuni kollha impjegati minnha [14]. Għaldaqstant, l-imsemmija dispożizzjoni, bil-fatt li tolqot lill-ħaddiema rġiel u lill-ħaddiema nisa mingħajr distinzjoni, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2006/54.

34. It-tieni, għal dak li jikkonċerna l-element li jirrigwarda l-eżistenza ta' żvantaġġ partikolari, dan jimplika, fl-ewwel lok, li grupp ta' persuni jsofri żvantaġġ, jiġifieri, f'dan il-każ, il-ħaddiema part-time fir-rigward tal-ħlas addizzjonali għas-sahra maħduma. Nirrileva li l-qorti tar-rinviju indikat li t-tieni domanda preliminari f'dawn il-kawżi saru biss f'każ li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari hija fl-affermattiv. F'dan ir-rigward, jien tal-fehma li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tpoġġi fi żvantaġġ lill-ħaddiema part-time inkwantu s-sigħat ta' xogħol addizzjonali li huma jaħdmu lil hinn mill-ħin tax-xogħol miftiehem fil-kuntratti ta' xogħol tagħhom u san-numru ta' sigħat ta' xogħol ta' ħaddiem full-time [15] ma jwasslux għal ħlas addizzjonali għalihom. Fi kliem ieħor, dawn is-sigħat ta' xogħol addizzjonali huma mħallsa inqas mis-sigħat ta' xogħol addizzjonali maħduma minn ħaddiem full-time [16].

35. Fit-tieni lok, il-miżura li mad-dehra hija newtrali għandu jkollha bħala riżultat, fil-prattika, li tpoġġi fi żvantaġġ b'mod partikolari lill-persuni ta' sess meta mqabbla mas-sess l-ieħor. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ilha li rrikonoxxiet l-utilità tal-istatistiċi fil-kuntest tal-analiżi tal-eżistenza jew le ta' diskriminazzjoni indiretta, b'mod partikolari fis-sentenza tal-31 ta' Marzu 1981, Jenkins (96/80, EU:C:1981:80, punt 13). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għal "perċentwali sostanzjalment iktar baxx" ta' ħaddiema nisa milli ħaddiema rġiel li huma eliġibbli għar-rata fis-siegħa sħiħa. Dan ir-riferiment ġie riprodott, b'mod partikolari, fis-sentenza tat-13 ta' Mejju 1986, Bilka-Kaufhaus (170/84, EU:C:1986:204, punt 29). F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet approċċ pragmatiku fil-kuntest tal-eżami ta' diskriminazzjoni [17].

36. Il-kunċett ta' "diskriminazzjoni indiretta" ġie sussegwentement sanċit mil-leġiżlatur tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-Direttiva 2002/73/KE [18], li ġiet issostitwita bid-Direttiva 2006/54. Fl-Artikolu 2(1)(b) tagħha, din l-aħħar direttiva adottat definizzjoni tad-"diskriminazzjoni indiretta" fformulata eżattament fl-istess termini bħal dawk li jinsabu fit-tieni inċiż

[12] Għal applikazzjoni ta' dawn it-tliet elementi, ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, BVAEB (C-405/20, EU:C:2022:347, punti 47 sa 69).

[13] Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tad-Direttiva 2006/54, il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema tas-sess maskili u ħaddiema tas-sess femminili testendi għall-ftehimiet kollha intiżi li jirregolaw b'mod kollettiv ix-xogħol bis-salarju (ara s-sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Syndicat CFTC, C-463/19, EU:C:2020:932, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[14] L-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-MTV ma jidhrux, f'dan l-istadju, rilevanti fil-kuntest tar-risposta li għandha tingħata lill-punt (a) tat-tieni domanda preliminari fiż-żewġ kawżi (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[15] Jiġifieri 38.5 siegħa fil-ġimgħa, kif jipprovdi l-Artikolu 10(1) tal-MTV.

[16] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2004, Elsner-Lakeberg (C-285/02, EU:C:2004:320, punt 17).

[17] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz fil-kawża Enderby (C-127/92, EU:C:1993:313, punt 15).

[18] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjieg, taħriġ professjonali u promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 4, p. 255).

tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2002/73. Din id-definizzjoni, l-istess bħad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva 2006/54, ma tagħmilx riferiment għall-elementi *kwantitattivi* fl-eżami tad-diskriminazzjoni indiretta. Fil-fatt, l-imsemmija definizzjoni tadotta approċċ *kwalitattiv*, jiġifieri li jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-miżura nazzjonali inkwistjoni tistax, min-natura tagħha stess, "tpoġġi fi żvantaġġ partikolari" lil persuni ta' sess partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor. Minn dan jirriżulta li l-qorti nazzjonali għandha teżamina l-elementi rilevanti kollha ta' natura kwalitattiva sabiex tiddetermina jekk tali żvantaġġ jeżistix, pereżempju mingħajr ma tillimita ruħha għall-impriża li għaliha tapplika d-dispożizzjoni kontenzjuża, billi tħares lejn is-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Unjoni inġenerali. Barra minn hekk, f'ċerti sitwazzjonijiet, jista' jirriżulta diffiċli ħafna li tinkiseb data statistika[19] jew id-data miksuba tista' tqajjem diffikultajiet ta' użu[20] jew ta' interpretazzjoni[21].

37. Madankollu, inkluż f'dan il-kuntest kwalitattiv, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tagħmel riferiment għal data statistika bil-għan li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva 2006/54, l-eżistenza ta' tali żvantaġġ partikolari tista' tiġi stabbilita, b'mod partikolari, jekk jiġi pprovat li leġiżlazzjoni nazzjonali *taffettwa b'mod negattiv proporzjon sinjifikattivament ikbar* ta' persuni ta' sess meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor[22]. Kif jirriżulta mill-premessa 30 ta' din id-direttiva, l-evalwazzjoni tal-fatti li jippermettu li tiġi preżunta l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta għandha ssir mill-qorti nazzjonali, konformement mad-dritt nazzjonali jew mal-prattiki nazzjonali li jistgħu jipprevedu, b'mod partikolari, li d-diskriminazzjoni indiretta tista' tiġi stabbilita b'kull mezz, *inkluż abbażi ta' data statistika*[23].

38. Ninsisti fuq il-fatt li d-data statistika msemmija iktar 'il fuq tikkostitwixxi biss element fost elementi oħrajn u li, barra minn hekk, din id-data tista' tkun differenti. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ħaddiem li jqis li sofra dannu minn diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess jista' jsostni każ *prima facie* ta' diskriminazzjoni abbażi ta' data statistika ġenerali li tikkonċerna s-suq tax-xogħol fl-Istat Membru kkonċernat, fil-każ fejn ma jkunx mistenni mill-persuna kkonċernata li tipproduċi data iktar preċiża relatata mal-grupp ta' ħaddiema rilevanti, fejn dawn ikunu diffiċilment aċċessibbli, jew saħansitra ma jkunux disponibbli[24]. Ma huwiex biżżejjed li jiġi kkunsidrat in-numru ta' persuni affettwati peress li dan in-numru jiddependi mill-ħaddiema attivi f'dan l-Istat Membru kollu kif ukoll it-tqassim tal-ħaddiema rġiel u tal-ħaddiema nisa fl-imsemmi Stat Membru[25].

[19] Ara Ellis, E., u Watson, P., *EU Anti-Discrimination Law*, (it-tieni edizzjoni), Oxford University Press, Oxford, 2012, b'mod partikolari p. 151.

[20] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Medina fil-kawża INSS ((Kumulu ta' pensjonijiet għal invalidità professjonali totali) (C-625/20, EU:C:2022:132, punt 1), li tirrileva li l-użu taċ-ċifri u tal-istatistika jista' jkun problematiku sabiex tiġi stabbilita diskriminazzjoni indiretta peress li r-riżultat jista' jvarja skont il-grupp ta' riferiment użat sabiex isir il-paragun.

[21] Ara, Barnard, C., u Hepple, B., "Indirect Discrimination: Interpreting Seymour-Smith", Cambridge Law Journal, 58(2), 1999, p. 399 sa 412. Dawn l-awturi jippreżentaw prespettiva li tikkritika l-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja li jikkonsisti f'li tirreferi għal data statistika, b'mod partikolari fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari.

[22] Sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, BVAEB (C-405/20, EU:C:2022:347, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[23] Ara s-sentenzi tal-24 ta' Settembru 2020, YS (Pensjonijiet okkupazzjonali ta' persunal f'karigi maniġerjali) (C-223/19, EU:C:2020:753, punt 50), u tal-5 ta' Mejju 2022, BVAEB (C-405/20, EU:C:2022:347, punt 50).

[24] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan (C-274/18, EU:C:2019:828, punt 56).

[25] Ara s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Villar Láiz (C-161/18, EU:C:2019:382, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39. Fil-każ fejn il-qorti nazzjonali jkollha data statistika, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li hija din il-qorti li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-ħaddiema kollha suġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun is-sors tad-differenza fit-trattament[26] u li l-*aħjar metodu ta' paragun tal-istatistiċi* jikkonsisti fit-tqabbil tal-proporzjon ta' ħaddiema affettwati mill-imsemmija differenza fit-trattament, minn naħa, minn fost l-għadd ta' ħaddiema rġiel u, min-naħa l-oħra, minn fost l-għadd ta' ħaddiema nisa[27].

40. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li għalkemm l-użu ta' data statistika jista' jirriżulta utli biex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta, din id-data għandha tittieħed inkunsiderazzjoni bi prekawzjoni inkwantu l-mod ta' kif titħejja jiddetermina l-validità tar-riżultati miksuba[28]. F'dan il-kuntest, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa sa fejn id-data statistika prodotta quddiemha hija affidabbli u jekk din tistax tittieħed inkunsiderazzjoni, jiġifieri jekk, b'mod partikolari, hijiex l-espressjoni ta' fenomeni purament fortuwiti jew temporanji u jekk tidhirx suffiċjentement sinjifikattiva[29].

41. It-tielet, jekk l-istatistika li l-qorti tar-rinviju tista' tieħu inkunsiderazzjoni għandha effettivament turi li l-perċentwali tal-ħaddiema ta' sess hija affettwata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni b'*mod kunsiderevolment ogħla* minn dak tal-ħaddiema tas-sess l-ieħor li wkoll jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, ikun hemm lok li jitqies li tali sitwazzjoni turi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess, li tmur kontra l-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva 2006/54, sakemm l-imsemmija leġiżlazzjoni ma tkunx iġġustifikata minn fatturi oġġettivi u li ma humiex relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess[30].

42. Nirrileva li ma jeżistix kejl ta' riferiment li hekk kif jinqabeż, id-data tibda titqies bħala suffiċjenti, peress li din l-evalwazzjoni tirriżulta min-natura tagħha li hija essenzjalment empirika[31]. Madankollu, din id-data statistika għandha tkun rilevanti fis-sens li għandha tirrigwarda numru suffiċjenti ta' individwi biex tkun rappreżentattiva imma wkoll rigoruża u mhux ambigwa.

43. Għal dak li jirrigwarda l-kawżi prinċipali, jirriżulta mid-deċiżjonijiet ta' rinviju li l-analiżi intiża li tiddetermina jekk id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tistabbilixxix diskriminazzjoni indiretta, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2006/54, tieħu inkunsiderazzjoni d-data statistika, li tikkonċerna lill-konvenuta. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li l-qorti tar-rinviju għandha tistabbilixxi l-proporzjon ta' ħaddiema affettwati b'din id-differenza fit-trattament, minn naħa, fost l-għadd ta' ħaddiema rġiel u, min-naħa l-oħra, fost l-għadd ta' ħaddiema nisa.

44. F'dan il-każ, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li l-konvenuta timpjega iktar minn 5 000 persuna li minnhom 76.98 % huma nisa. Fuq it-totalità ta' dawn l-impjegati, 52.78 % jaħdmu part-time. Fost il-ħaddiema part-time, 84.74 % huma nisa u 15.26 % huma rġiel.

26 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2022, INSS (Kumulu ta' pensjonijiet għal invalidità professjonali totali) (C-625/20, EU:C:2022:508, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, nirrileva li l-qorti tar-rinviju indikat li l-perċentwali għadhom ma ġewx ikkonstatati b'mod definittiv fil-kawżi prinċipali.

27 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Voß (C-300/06, EU:C:2007:757, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Ara, fil-kummentarji, Robin-Olivier, S., "L'émergence de la notion de discrimination indirecte: évolution ou révolution?", f'Fines, F., Gauthier, C., Gautier, M., La non-discrimination entre les Européens, Pedone, Pariġi, 2012, p. 23 sa 36, b'mod partikolari p. 30.

29 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Schuch-Ghannadan (C-274/18, EU:C:2019:828, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2022, BVAEB (C-405/20, EU:C:2022:347, punti 50 u 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 Ara, b'mod partikolari, fil-kummentarji, Alberton, G., "Et la Cour de cassation se fit plus 'européaniste' que la CJUE", *AJDA*, 2018, Nru 6, p. 340.

45. Permezz tal-punt (a) tat-tieni domanda preliminari fiż-żewġ kawżi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fl-eżami tal-eżistenza ta' żvantaġġ partikolari fir-rigward tal-ħaddiema nisa, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2006/54, huwiex biżżejjed li l-grupp tal-impjegati part-time jkun fih sostanzjalment iktar nisa milli rġiel jew, ukoll, jekk il-grupp tal-impjegati full-time għandux ikun ikkostitwit minn sostanzjalment iktar irġiel jew li l-parti tal-irġiel tkun sostanzjalment ikbar.

46. F'dan il-każ, il-ħaddiema nisa huma iktar kemm fil-grupp "ivvantaġġat" kif ukoll fil-grupp "żvantaġġat" mid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni. F'tali sitwazzjoni, jiena nifhem li ma huwiex faċli li jiġi kkunsidrat li din id-dispożizzjoni tpoġġi fi żvantaġġ partikolari lin-nisa meta mqabbla mal-irġiel.

47. F'dan ir-rigward, kif diġà indikajt, jien tal-fehma li l-qorti nazzjonali għandha ssegwi approċċ kwalitattiv, mingħajr ma tillimita ruħha għad-data statistika biss. Tali approċċ jippreżupponi li jiġi eżaminat is-suq tax-xogħol kollu kemm hu u mhux biss fl-impriża kkonċernata.

48. Għal dak li jirrigwarda d-data statistika, li fuqha l-qorti tar-rinviju tqajjem kwistjoni ta' liġi dwar il-modalitajiet għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' din id-data, jeħtieġ li titfakkar il-loġika wara l-analiżi tad-diskriminazzjoni indiretta fil-kuntest tad-Direttiva 2006/54.

49. Qabelxejn, skont il-formulazzjoni stess tal-Artikolu 2(1)(b) ta' din id-direttiva, id-diskriminazzjoni indiretta tirreferi biss għal dispożizzjoni, kriterju jew prattika li "tpoġġi fi żvantaġġ" lil persuni ta' sess partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor. Konsegwentement, dan l-Artikolu 2(1)(b) ta' din id-direttiva jiffoka fuq il-grupp tal-persuni "żvantaġġati", f'dan il-każ il-ħaddiema part-time. Din id-dispożizzjoni ma semmix lill-persuni "vvantaġġati", jiġifieri dawk li ma humiex suġġetti għall-miżura inkwistjoni. Konsegwentement, mit-termini tal-imsemmija dispożizzjoni jirriżulta li diskriminazzjoni indiretta tista' tkun teżisti mis-sempliċi fatt li jkunu żvantaġġati b'mod partikolari l-persuni ta' sess partikolari meta mqabbla mal-persuni tas-sess l-ieħor.

50. Imbagħad, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-*aħjar metodu ta' paragun tal-istatistiċi* jikkonsisti fit-tqabbil tal-proporzjon ta' ħaddiema affettwati mill-imsemmija differenza fit-trattament, minn naħa, minn fost l-għadd ta' ħaddiema rġiel u, min-naħa l-oħra, minn fost l-għadd ta' ħaddiema nisa. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ppronunzjat ruħha b'mod espliċitu fuq l-approċċ li għandu jiġi segwit u kkunsidrat li jeħtieġ li wieħed iqis il-persuni żvantaġġati biex jistabbilixxi jekk il-miżura nazzjonali tistabbilixxix diskriminazzjoni indiretta. F'dan ir-rigward, jidhirli utli li jiġu ċċitati t-termini ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri s-sentenza tal-24 ta' Frar 2022, TGSS (Qgħad tal-impjegati domestiċi) (C-389/20, EU:C:2022:120). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet kif ġej, fir-rigward ta' dispożizzjoni nazzjonali li teskludi l-benefiċċji tal-qgħad mill-benefiċċji ta' sigurtà soċjali mogħtija lill-impjegati domestiċi minn skema legali ta' sigurtà soċjali:

"45. [...] [i]ssa, għandu jiġi kkonstatat li mill-istatistika ppreżentata [...] li, minn naħa, fil-31 ta' Mejju 2021, in-numru ta' ħaddiema impjegati suġġetti għall-[...] skema ġenerali kien jammonta għal 15 872 720, li fosthom 7 770 798 kienu nisa (48.96 % tal-impjegati) u 8 101 899 kienu rġiel (51.04 % tal-impjegati). Min-naħa l-oħra, fl-istess data, il-grupp ta' impjegati affiljati mas-sistema speċjali tal-impjegati domestiċi kien jinkludi 384 175 ħaddiem, li minnhom 366 991

kienu nisa (95.53 % tal-persuni affiljati ma' din is-sistema speċjali, jiġifieri 4.72 % tan-nisa impjegati) u 17 171 kienu rġiel (4.47 % tal-persuni affiljati mal-imsemmija sistema speċjali, jiġifieri 0.21 % tal-irġiel impjegati).

46. B'hekk, minn din l-istatistika jirriżulta li l-proporzjon tal-ħaddiema impjegati tas-sess femminil suġġett għall-iskema ġenerali tas-sigurtà soċjali Spanjola li huma affettwati mid-differenza fit-trattament li tirriżulta mid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa sinjifikattivament ogħla minn dak tal-impjegati tas-sess maskil."

51. Konsegwentement, konformement mal-ġurisprudenza tagħha relatata mad-diskriminazzjoni indiretta, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat biss il-grupp tal-persuni żvantaġġati, jiġifieri l-impjegati domestiċi, magħmul minn 95.53 % nisa, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni t-totalità tal-persuni suġġetti għall-iskema ġenerali ta' sigurtà soċjali, imqassma b'mod ibbilanċjat bejn in-nisa (48.96 % tal-impjegati) u l-irġiel (51.04 % tal-impjegati).

52. Fl-aħħar nett, l-għan tad-Direttiva 2006/54 huwa li tipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, b'mod partikolari d-diskriminazzjoni indiretta. Sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li dan l-għan kien jimplika li tiġi eżaminata speċifikament is-sitwazzjoni tal-grupp ta' persuni mpoġġija fi żvantaġġ minn miżura nazzjonali. Ma jidhirlix li l-imsemmi għan iwassal biex tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll is-sitwazzjoni tal-grupp ta' persuni li ma huwiex suġġett għal din il-miżura. Jekk wieħed jippreżupponi li l-miżura nazzjonali inkwistjoni tpoġġi fi żvantaġġ partikolari lill-ħaddiema ta' sess partikolari meta mqabbla mal-ħaddiema tas-sess l-ieħor, jeħtieġ għaldaqstant li jiġi eżaminat jekk din hijiex iġġustifikata minn fatturi oġġettivi u barranin għal kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

53. Konsegwentement, nikkunsidra li, biex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' żvantaġġ partikolari fir-rigward tal-ħaddiema nisa, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2006/54, jeħtieġ li jiġi eżaminat biss il-grupp tal-ħaddiema mpoġġija fi żvantaġġ. Inżid ngħid li peress li l-approċċ kwalitattiv intiż li jiddetermina jekk dispożizzjoni, kriterju jew prattika li mad-dehra hija newtrali tpoġġix fi żvantaġġ partikolari lill-persuni ta' sess partikolari meta mqabbla mal-persuni tas-sess l-ieħor jista' jippreżenta xi diffikultajiet ta' implimentazzjoni, jidhirli li l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni minħabba l-impjieg part-time, li hija s-suġġett tar-raba' u ħames domanda preliminari f'dawn il-kawżi, tista' tikkostitwixxi bażi xierqa biex tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament bejn il-ħaddiema full-time u dawk part-time [32].

54. Għaldaqstant, nipproponi li tingħata risposta għall-punt (a) tat-tieni domanda preliminari fiż-żewġ kawżi fis-sens li l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta, biex tikkonstata li dispożizzjoni nazzjonali apparentement newtrali tpoġġi "lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor", il-qorti nazzjonali għandha teżamina l-elementi rilevanti kollha ta' natura kwalitattiva sabiex tiddetermina jekk tali żvantaġġ jeżistix. Għal dak li jirrigwarda d-data statistika, li tikkostitwixxi biss element wieħed fost oħrajn, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk teżistix proporzjon ikbar b'mod sinjifikattiv ta' persuni ta' sess partikolari fil-grupp tal-ħaddiema mpoġġija fi żvantaġġ minn din id-dispożizzjoni nazzjonali, mingħajr ma jkun ukoll meħtieġ li l-grupp tal-ħaddiema li ma huwiex suġġett għall-imsemmija dispożizzjoni jkun jinkludi proporzjon ikbar b'mod sinjifikattiv ta' persuni tas-sess l-ieħor.

[32] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2023, Lufthansa CityLine (C-660/20, EU:C:2023:789).

## V. Konklużjoni

55. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għall-punt (a) tat-tieni domanda preliminari magħmula mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) fil-Kawżi magħquda C-184/22 u C-185/22 bil-mod kif ġej:

L-Artikolu 157 TFUE kif ukoll l-Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li,

fil-kuntest tal-evalwazzjoni dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta, biex tikkonstata li dispożizzjoni nazzjonali apparentement newtrali tpoġġi "lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor", il-qorti nazzjonali għandha teżamina l-elementi rilevanti kollha ta' natura kwalitattiva sabiex tiddetermina jekk tali żvantaġġ jeżistix. Għal dak li jirrigwarda d-data statistika, li tikkostitwixxi biss element wieħed fost oħrajn, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk teżistix proporzjon ikbar b'mod sinjfikattiv ta' persuni ta' sess partikolari fil-grupp tal-ħaddiema mpoġġija fi żvantaġġ minn din id-dispożizzjoni nazzjonali, mingħajr ma jkun meħtieġ ukoll li l-grupp tal-ħaddiema li ma huwiex suġġett għall-imsemmija dispożizzjoni jkun jinkludi proporzjon ikbar b'mod sinjifikattiv ta' persuni tas-sess l-ieħor.